MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 86/2000/1

Citazzjoni numru 86/2000

Joseph u Mary xebba, ahwa Axiaq

vs

Josephine arma ta' Michael Axiaq

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha ppremettew:

"illi fl-20 ta' Marzu 1997 miet fir-Rabat, Ghawdex, Michael Axiaq missier l-atturi u r-ragel tal-konvenuta, kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt - document A;

Illi l-atturi huma l-ulied u ghalhekk l-unici werrieta tal-mejjet missierhom Michael Axiaq, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta’ l-istess kawza;

Illi wara l-mewt ta’ missierhom Michael Axiaq l-atturi qabdu u dawru l-flus kollha li kien hemm fid-depositi bankarji f’banek lokali u precizament il-flus kollha li kien hemm depositati fil-Bank of Valletta Ltd u cioe’ zewg kontijiet – wiehed Fixed bin-numru 12419684021 u l-iehor Savings bin-numru 12419684034 u erba’ kontijiet fil-Mid-Med Bank Ltd, illum HSBC – tlieta mil-kontijiet Fixed bin-numru 717182952, 71782960 u 717182642 u l-iehor Savings bin-numru 714183931 ghal fuq isem il-konvenuta, Josephine Axiaq, li tigi ommhom, liema flus kienu provenjenti lilhom mill-eredita ta’ Anna Saliba;

Illi l-istess trasferiment tad-depositi bankarji hawn fuq imsemmija huwa null u bla ebda effett ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi u dana peress illi skond il-ligi donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b’att pubbliku;

TALBU, ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara illi t-trasferimenti tal-kotba tal-bank hawn fuq imsemmija u precizament tal-flus kollha li kien hemm depositati fil-Bank of Valletta Ltd u cioe’ zewg kontijiet – wiehed Fixed bin-numru 12419684021 u l-iehor Savings bin-numru 12419684034 u erba’ kontijiet fil-Mid-Med Bank Ltd, illum l-HSBC – tlieta mill-kontijiet Fixed bin-numri: 717182952, 717182960, 717182952 u l-iehor Savings bin-numru 714183931 minn fuq isem il-mejjet missierhom, Michael Axiaq ghal fuq isem il-konvenuta Josephine Axiaq li tigi ommhom, kien null u bla effett legali ghaliex ma sarx bil-formalitajiet rikjesti bil-ligi u cioe’ b’att pubbliku kif preskritt bl-artikolu 1753 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. konsegwentement tiddikjara wkoll illi l-atturi huma l-proprjetarji esklussivi tal-kotba tal-bank kollha hawn fuq imsemmija u li huma ghandhom id-dritt esklussiv ghall-izbank tal-istess kotba tal-bank intestati fuq isem il-mejjet missierhom Michael Axiaq, provenjenti lilhom mill-eredita

ta’ Anna Saliba u dana skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1322(4) u (5) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li fiha eccepiet:

1. preliminarjament in-nullita’ tac-citazzjoni stante illi mill-premessi ma jirrizultax x’inhu d-dritt li a bazi tieghu qed jagixxu l-atturi b’mod specjali kien jispetta lill-atturi li fic-citazzjoni jaghtu spjegazzjoni ta’ kif huma l-eredi ta’ missierhom permezz ta’ ricerki testamentarji u fil-kaz bil-produzzjoni ta’ testment;

2. fit-tieni lok u kif jigi pruvat aktar fid-dettal fil-kors tas-smigh tal-kawza l-konvenuta kellha kull dritt fil-ligi li taghmel dak li ghamlet u min-naha taghhom l-atturi ma jgawdu l-ebda dritt li jivvantaw il-pretensjonijiet taghhom kif dedotti fic-citazzjoni;

3. fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda htiega li jsir att pubbliku u l-artikolu 1753 tal-Kodici Civili ma ghandu l-ebda applikazzjoni fil-kaz odjern;

4. finalment d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.
Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament guramentata u l-lista tax-xhieda.

Ikkunsidrat:

Illi l-kawza fis-sustanza taghha titratta nullita’ ta’ donazzjoni, konsistenti fi trasferiment ta’ depositi bankarji maghmla mill-atturi versu l-konvenuta, li da parti taghha ssostni l-validita’ taghha, oltre li preliminarjament eccepit

in-nullita ta' l-istess citazzjoni. Il-bazi ta' din l-ahhar eccezzjoni hi li mill-premessi ta' l-istess citazzjoni "ma jirrizultax x'inhu d-dritt li a bazi tieghu qed jagixxu l-atturi billi kien jispetta lilhom li fic-citazzjoni jaghtu spjegazzjoni ta' kif huma l-eredi ta' missierhom permezz ta' ricerki testamentarji u fil-kaz bil-produzzjoni ta' testment". L-eccezzjoni pero' kif formulata hija nsostenibbli u ser tigi respinta anke ghaliex m'hemm xejn li josta li l-prova tigi prodotta, kif fil-fatt giet, tul it-trattazzjoni tal-kawza. Jekk hemm xi lment proprjament kellu jkun in-nuqqas ta' kjarezza fl-istess citazzjoni marbuta mat-tieni talba li tidher nieqsa minn ness bejn il-premessi u din it-talba partikolari. Izda anka, assumendo li dan hu hekk, fis-sens li c-citazzjoni ma fihiex imfissra car u sewwa l-oggett u r-raguni tat-talba, xorta ma jistax jinghad li din il-vjolazzjoni ut sic iggib in-nullita stante li l-mankanza tista' tigi sopperita tramite d-dikjarazzjoni li hija quod unum mac-citazzjoni. Apparti dan ukoll m'hemmx nullita' tac-citazzjoni jekk il-kawzali tkun indikata minghajr tifsir dettaljat tal-fatti li fuqhom din il-kawzali tkun ibbazata (Victor Savona vs Dr Peter Asphar – Vol XXXII-i-228).

Illi dwar il-meritu, mill-ewwel ghandu jinghad li t-tieni talba tal-atturi ma tinsab imkien sorretta mill-provi stante li minn imkien ma tirrizulta provenjenza differenti tad-depositi bankarji ghajr li kienu formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-konvenuta u l-mejjet zewgha, Michael Axiaq. Dan jirrizulta wisq car mid-dokumenti relatati mad-depositi bankarji esebiti in atti

Illi li l-atturi huma l-unici ulied tal-mejjet Michael Axiak hu indiskuss kif konfermat ukoll mill-konvenuta, ommhom, li ukoll ikkonfermat li zewgha u hi kienu ghamlu testment unica charta, atti Nutar Paul George Pisani, fejn kienu hallew lil binthom Maria Axiaq werrieta universali bil-patt u l-kundizzjoni li ddur bihom sal-mewt tas-superstiti u lil binhom l-iehor, Joseph, xi raba u s-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000). Dan gie konfermat mill-istess atturi li, da parti taghhom, anke kkonfermaw li wara l-mewt ta' missierhom kienu ftehmu li l-flus depositati fil-banek lokali jghaddu kollha f'isem ommhom, kif fil-fatt sar.

Issa m’hemmx dubbju li x’instiga din il-kawza kien disgwid li qam bejn il-kontendenti dwar qsim tal-proprjeta’, li pero’ kien sussegwenti ghat-trasferiment tal-kontijiet bankarji favur l-konvenuta, l-omm. Ghalhekk jirrizulta abbondantement car li l-animus donandi kien altru ezistenti fl-atturi fil-mument li huma ghaddew il-flus lil ommhom u terga fil-kaz in specje jirrizulta li d-donazzjoni kienet kompleta kemm bl-accettazzjoni ta’ l-omm u t-tradizzjoni. Dak li ma jirrizultax, invece, ghaliex ma sarx, kien l-att pubbliku rikjest *ad validitatem* mill-Artikolu 1753 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jikkontempla eccezzjoni ghal din ir-regola sakramentali, biss:

(a) ghal rigali, li jinghataw minn id ghal id, ta’ flus jew ta’ hwejjeg mobbli korporali ohra, jew ta’ titoli ghall-portatur, jekk is-somma jew il-valur taghhom ikun zghir, meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni u cirkostanzi ohra;

(b) ghar-rinunzja gratuwita ta’ jeddijiet jew ghal cessjoni ta’ krediti jew ta’ titoli negozzjabbli, jew ghall-mahfra ta’ djun jew ghall-patt maghmul favur terzi…. .

Illi d-donazzjoni meritu dawn il-proceduri tirrigwarda proprju flus depositati f’bosta kontijiet bankarji, li minbarra f’kont wiehed, kienu lkoll intestati fuq isem il-missier u ghalhekk ma ghandux ikun hemm dubbju li fin-nuqqas tal-modicita tas-somma tenut kont l-kondizzjoni tal-persuni u cirkostanzi ohra, kien rikjest l-att pubbliku ghall-validita’ tad-donazzjoni. Minn ezami tal-konsistenza ta’ dawn il-kontijiet, kunsidrat l-kondizzjoni tal-persuni u cirkostanzi ohra b’rifless dejjem fuq il-quantum, ukoll l-fatt li nofshom kienu spettanti lill-omm bhala sehma mill-kommunjoni tal-akkwisti, difficilment din il-Qorti tista’ tasal biex tikkonsidra l-ammont bhala wiehed zghir. Anzi huwa desumibbli li s-somma nvoluta kienet tifforma parti sostanzjali mill-assi tal-istess decujus tenut kont li l-proprjeta’ promessa lil binhom kienet proprjeta ta’ l-omm

Illi l-kontijiet bankarji milquta bid-donazzjoni huma kif ser jinghad:
a. mal Bank of Valletta: i. Kont Fiss nru. 12419684021 – Lm2500

ii. Kont Savings nru. 12419684034 - 2358

b. mal Mid Med Bank i. Kont Fiss nru. 717182642 - 6000

illum HSBC ii. Kont Fiss nru. 717182952 - 2446

iii. Kont Fiss nru. 717182960 - 500

iv. Kont Savings nru. 714183931 - 651

Illi jirrizulta li hemm kont iehor fiss nru.717096894 mal-HSBC li kien ab initio intestat fuq l-omm b'daqstant li japplika fil-konfront ta' dan il-kont l-incizi 3 u 4 ta' l-Artikolu 1322 Kap 16, apparti li l-omm hija proprjetarja' tan-nofs l-ammonti u f'kull kaz ghandha l-usufrutt fuq in-nofs l-iehor.

Ghaldaqstant, qeghdha tiddeciedi l-kawza billi:

1. tichad l-eccezzjoni tan-nullita; u

2. filwaqt illi takkolji l-ewwel talba ta' l-atturi fis-sens pero' illi tiddikjara null u bla effett id-donazzjoni fir-rigward nofs l-ammonti depozitati fis-sitt kontijiet bankarji fuq citati b'daqstant illi l-istess depositi kwantu ghal nofs l-ammont depositat f'kull wiehed minnhom u sa nofs l-ammont hemm rispettivament depositat ghandu jibqa' proprjeta' ta' l-attrici Mary Axiaq (xebba) salv ghall-ammont ta' elfejn liri Maltin (Lm2000) spettanti lill-attur l-iehor Joseph Axiaq bid-dritt tal-konvenuta li tippercepixxi l-interessi intieri fuq l-istess depositi qua usufruttwarja u konsegwentement tichad il-kumplament ta' l-eccezzjoni tal-konvenuti.

L-ispejjez fic-cirkostanzi tal-kaz jithalsu nofs kull wiehed bejn l-atturi u l-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------